MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 2/2006/1

**Salvino u Consiglia konjugi Abela**

**vs**

**George u Carmen konjugi Desira u Toni u Maria Consiglia konjugi Desira ghall-kull interess illi jits ajkollhom u, permezz ta' digriet datat 10 ta' Mejju 2010 gie kjamat in kawza Generoso Desira u b'digriet tal 11 ta' Dicembru 2013, Lawrence Desira gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza in statu et terminis.**

Illum 27 ta' Mejju 2015

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fl 1 ta' Frar 2006 fejn ir-rikorrenti ippremettew illi huma jikru lill-intimati George u Carmen konjugi Desira l-ghalqa msejjha "Ta' Hajt il-Wied" fil-limiti taz-Zejtun bil kera ta' Lm5 fis-sena.

Ra illi r-rikorrenti qalu illi huma kellhom bzonn r-raba sabiex tinhadem minnhom u minn membri tal-familja taghhom, filwaqt illi sahqu li l-intimati kienu ssullokaw lill-intimati l-ohra, Toni u Maria Consignlia konjugi Desira, bicca mill-istess ghalqa minghajr ma ottjenew ebda permess mir-rikorrenti.

Ghalhekk, huma talbu lill-Bord sabiex jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta’ l-istess ghalqa taht dawk il-kundizzjonijiet illi jidhirlha xierqa l-Qorti.

Ra ir-risposta ta’ Toni u Maria Consiglia Desira ippresentata fl-20 ta’ Frar 2006 fejn laqghu ghal dak allegat mir-rikorrenti billi sahqu illi s-sullokazzjoni li saret minn George u Carmen Desira lilhom saret bl-awtorizzazzjoni u kunsens tas-sidien fis-sena 1975 filwaqt illi sahqu illi parti minn dik l-art lilhom mikrija llum il-gurnata tintuza minn wiehed minn uliedhom u hija necessarja ghall-ghijxien taghhom.

Ra ir-risposta ta’ George Desira ippresentata fit 8 ta’ Marzu 2006 fejn laqa ghal dak allegat billi ikkonferma illi s-sullokazzjoni lill Toni u Maria Consiglia Desira saret bil-konoxxenza u kunsens tas-sidien precendenti filwaqt illi sahaq illi kemm hu kif ukoll it-tifel tieghu Generoso Desira ghandhom bzonn l-ghalqa ghall-ghijxien taghhom.

Ra ix-xhieda ta’ **Salvino Abela** moghtija fil 5 ta’ Gunju 2006 kif ukoll il-kuntratt ta’ akkwist da’ parte tar-rikorrenti ta’ l-art meritu tal-kawza odjerna fis 6 ta’ Awissu 2002.

Ra ix-xhieda ta’ **Consiglia Farrugia** moghtija fl-14 ta’ Mejju 2007 fejn qalet, fost affarjiet ohra, illi l-familja taghha kienu bieghu l-art lir-rikorrenti u l-familja taghha kienu jafu illi l-art kienu jahdmuha l-intimati George Desira u Toni Desira, illi kien ihallas qbiela lill George Desira.

Ra ix-xhieda ta’ **Salvinu Abela** in kontro ezami moghtija fid 29 ta’ Ottubru 2007.

Ra ix-xhieda ta’ **Salvinu Abela** in ri ezami moghtija fil 21 ta’ Jannar 2008 kif ukoll ra il-lista ta’ l-assi tieghu (ghalkemm indikati bhala ta’ Saviour Desira).

Ra ix-xhieda ta' **John Mary Farrugia**, hu Consiglia Farrugia u wiehed mill-persuni illi biegh l-art lir-rikorrenti, moghtija fil 21 ta' Jannar 2008 fejn, fost affarjiet ohra, stqarr illi l-art kienet tinhadem minn George u Toni Desira, illi kienu ahwa

Ra ix-xhieda ta' **George Desira** moghtija fit 13 ta' Ottubru 2008, li kkonferma illi huwa jahdem ir-raba u jahdimha mieghu wkoll it-tifel tieghu, Generoso Desira.

Ra ix-xhieda ta' **Salvinu Abela** in kontro ezami moghtija fl-24 ta' Novembru 2008 fejn xehed dwar l-assi illi ghandu u esebixxa dokumenti f'dak is-sens ukoll.

Ra ix-xhieda ta' **Salvinu Abela** moghtija fit 2 ta' Frar 2009 fejn ippresenta aktar dokumentazzjoni dwar id-dhhul tieghu.

Ra ix-xhieda ta' **Generoso Desira**, iben George Desira, prodott mir-rikorrent u moghtija fil 5 ta' Ottubru 2009 fejn qal, fost affarjiet ohra, illi flimkien ma' l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna illi kienet ta' missieru, huwa ghandu ghalqa ohra izghar u jahdem bhala bidwi fuq bazi full time.

Ra illi fit 3 ta' Novembru 2009 ir-rikorrent talab il-kjamat in kawza ta' Generoso Desira, liema rikors intlaqa fl-10 ta' Mejju 2010.

Ra ir-risposta ta' Generoso Desira wara illi huwa gie kjamat in kawza fuq talba tar-rikorrenti, liema risposta giet intavolata fit 2 ta' Dicembru 2010, fejn ikkonferma illi parti mill-ghalqa giet sullokata lill Toni u Maria Consiglia Desira bil-kunsens tas-sidien precendenti filwaqt illi sahaq illi r-rikorrenti ma ghandhux bzonn l-ghalqa filwaqt illi missieru huwa pensjonant u ghandu bzonn l-ghalqa u anke hu ghandu bzonn l-ghalqa ghal-ghijxien tieghu.

Ra ix-xhieda ta' **Anthony Desira** in subizzjoni moghtija fit 2 ta' Frar 2011.

Ra illi fis 17 ta' Mejju 2011 ir-rikorrent talab il-kjamat in kawza ghall-kull interess illi jista jkollu ta' Lawrence Desira, liema talba giet michuda minn dana il-Bord kif kompost fit 12 ta' April 2012.

Ra ix-xhieda ta' **Jennifer Debono**, rappresentanta tal-Employment Training Corporation, moghtija fl-1 ta' Gunju 2011, fejn xehdet dwar l-impjieg ta' Lawrence Desira, li huwa t-tifel ta' Tony Desira.

Ra ix-xhieda ta' **Lawrence Desira** mogthija fl-1 ta' Gunju 2011 fejn stqarr illi huwa registrat li jahdem ma' l-IPSL wara illi spicca l-impjieg tieghu minn mad-Dockyard u jghin

lill-missieru fl-ghalqa meritu tal-kawza odjerna. L-istess Lawrence desira ippresenta zewgt skritturi. Skrittura wahda hija datata 28 ta' Settembru 1975 fejn gie dikjarat bejn George Desira u Toni Desira ill huma qed jahdmu l-ghalqa nofs bin-nofs u, ghalkemm George Desira kien qed ihallas il-qbiela f'ismu, dina kienet ghat-tnejn u Toni desira kien ser jibda ihallas is-sehem tieghu lill George Desira. It-tieni skrittura iggib id-data tad 19 ta' Settembru 2003 u hija skrittura iffirmata mis-sidien kollha ta' l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna illi eventwalment bieghu l-art lir-rikorrenti, fejn l-istess sidien jirrikonoxxu illi kemm George Desira u Toni Desira kienu qed jaghmlu uzu mill-art meta nbieghet lir-rikorrenti.

Ra ix-xhieda ta' **Kenneth Cassar**, rappresentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura gewwa l-Ghammieri, moghtija fl-1 ta' Gunju 2011.

Ra illi fit 13 ta' April 2012 ir-rikorrent talbu li jzidu talba ohra ghar-ripreza ta' l-art stante illi l-hajt ta' l-ghalqa twaqqa minn terzi u reggha inbena b'mod illi r-rikorrenti tilef parti mill-art li kien mibni fuqu l-hajt.

Ra ir-risposta ta' Anthony Desira ippresentata fit-13 ta' April 2012 fejn cahad bil-qawwa dak allegat mir-rikorrenti stante illi sahaq li l-hajt reggha ttella fejn kien wara li twaqqa minn terzi.

Ra illi r-rikjesta biex talba addizzjonali tizdied mat-talbiet originali gie akkordata fis 27 ta' Gunju 2012.

Sema ix-xhieda in kontro ezami ta' **Salvino Abela** moghtija fl-24 ta' Ottubru 2012.

Ra l-affidavit ta' **Salvino Abela** ippresentat fl-24 ta' Ottubru 2012.

Sema x-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Salvino Abela** moghtija fit 23 ta' Novembru 2012 kif ukoll in-nota ta' l-assi tar-rikorrent stess minnu ppresentata.

Sema x-xhieda ta' **Kenneth Cassar**, rappresentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura gewwa l-Ghammieri, moghtija fil 21 ta' Frar 2013 u ra id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Sema x-xhieda ta' **Salvino Abela** in kontro ezami moghtija fil 21 ta' Frar 2013.

Sema x-xhieda ta' **Anthony Desira** u ta' **George Desira**, in subizzjoni, moghtija fid 9 ta' Mejju 2013.

Ra illi fid 9 ta' Mejju 2013, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Sema ix-xhieda ta' **George Desira** moghtija fl-24 ta' Ottubru 2013.

Ra ir-rikors ta' Lawrence Desira, ippresentat fil 11 ta' Dicembru 2013, fejn talab illi jintervjeni fil-kawza in statu et terminis, liema talba intlaqghet dakinhar stess.

Sema x-xhieda ta' **Generoso Desira** mogthija fil 11 ta' Dicembru 2013.

Sema x-xhieda ta' **Lawrence Desira** moghtija fid 19 ta' Frar 2014 fejn ippresenta dokuemntazzjoni u xehed, fost affarjiet ohra, fuq il-hsara tal-hajt, fejn stqarr illi dana il-hajt twaqqa erronjament minn certa Toni Vassallo illi ghandu ghalqa aktar 'l gewwa u l-hsara kienet tirrigwarda l-parti ta' barra tal-hajt peress illi l-parti ta' gewwa tal-hajt hekk kif tmiss ma' l-ghalqa ma ntmessietx. Stqarr ukoll illi eventwalment Anthony Vassallo reggha tella l-hajt ta' barra li kien waqqa, madwar pied il-gewwa sabiex ikun jista jghaddi bl-ingenji fatt illi bl-ebda mod ma mess l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna.

Sema x-xhieda ta' **Salvino Abela** moghtija fid 19 ta' Frar 2014.

Ra in-nota ippresentata minn Lawrence Desira fl-24 ta' Frar 2014 fejn esebixxa kopja ta' sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u mhux appellata datata 3 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet 'George Desira vs Anthony Desira' fejn talba ta' George

Desira sabiex Anthony Desira jigi dikjarat li ma ghandhux titolu fuq l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna giet michuda wara illi l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili rikonoxxiet illi l-ftehim 28 ta' Settembru 1975 juri bl-aktar mod car illi George u Toni Desira kienu qed jahdmu l-ghalqa flimkien.

Sema x-xhieda ta' **Anthony Vassallo**, mogthija fit 30 ta' April 2014, fejn stqarr illi huwa kien waqqa parti mill-hajt ta' l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna bi zball waqt illi kien qed

idahhal xi ingeji tieghu filwaqt illi kkonferma illi parti mill-hajt reggha tellghu filwaqt illi part ohra, illi saritilha hsara izda l-hajt ghadu ma waqax, ma thalliex jaghmel xoghlijilet rimedjali mir-rikorrenti.

Ra l-affidavits ta' **Michael Busuttil** u **Grezzju Brincat**, persuni illi ghandhom ghelieqi vicin dik tal-kawza odjerna, ippresnetat fit 2 ta' Lulju 2014.

Sema x-xhieda u kontro ezami ta' **Lawrence Desira** moghtija fit 2 ta' Lulju 2014.

Ra illi fid 29 ta' Ottubru 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fit 3 ta' Dicembru 2013.

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet ta' George u Carmen Desira u tal-kjamat in kawza Generoso Desira ippresentata fit 3 ta' Frar 2015.

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Toni u Maria Consiglia Desira u ta' l-intervnut fil-kawza Lawrence Desira ippresentata fil 11 ta' Frar 2015.

Ra ir-rikors ippresentat mir-rikorrent fit 3 ta' Marzu 2015 fejn, minghajr ebda permess, esebixxa ritratti ta' l-isqaq fejn ir-rikorrent jikkontendi li ttihiedlu parti mill-ghalqa u, ghalkemm dana il-Bord seta facilment jisfilza tali dokument, fl-ahjar interess tal-gustizzja, ser tippermetihom stante illi huma biss indikazzjoni ta' stat ta' fatt, u xejn aktar.

**Ikkunsidra**

Il-Bord ma jistax ma jinnutax illi hija certament ta’ ghajb u misthija kbira illi l-kawza odjerna kellha ddum ftit anqas minn ghaxar snin sabiex finalment tasal ghall-istadju sabiex tigi deciza. Tali kawza ghaddiet minn taht idejn tlett gudikanti differenti u r-rikorrent ghalaq il-provi tieghu biss fid 9 ta’ Mejju 2013, jigifieri ben sebgha snin wara illi beda l-kawza, fejn principalment kien ir-rikorrent illi xehed diversi drabi.

Tali dewmien jaghmel hsara kemm lill-Istituzzjoni tal-Gustizzja u, aktar u aktar, lill-utenti ta’ dina l-istituzzjoni, ossija il-partijiet, peress huwa dritt tal-partijiet illi jistennew li min qieghed jidderigihom quddiem il-Bord huwa f’pusizzjoni illi jaghmel dan f’hin ragjonevoli, u mhux idum sebgha snin shah!

**Ikkunsidra**

Fil-kawza odjerna, ir-rikorrent talab ir-ripreza ta’ l-art fuq zewgt pretensjonijiet, ossija illi r-rikorrent ghandu bzonn l-art ghalih u ghall-familja tieghu filwaqt illi l-intimati George u Carmen Desira issullokaw parti mill-art lill hu George Desira, ossija Toni u Maria Consiglia Desira, minghajr il-kunsens tas-sidien.

Sussegwentement, sitt snin wara illi nieda l-proceduri odjerni, ir-rikorrent talab li jkun hemm talba addizzjonali ghar-ripreza, ossija illi sar hsara lill-hajt u meta ttella, ttiehdet parti mill-ghalqa u ghalhekk saritlu hsara.

Il-Bord ser jipprocedi billi jikkunsidra t-tlett talbiet separatament

**Ikkunsidrat**

L-ewwel bazi li fuqha intavola l-azzjoni odjerna hija illi r-rikorrenti ghandu bzonn l-ghalqa ghalih.

Mill-provi prodotti quddiem il-Bord, jirrizulta illi r-rikorrent ghandu kemm artijiet kif ukoll diversi propretajiet ohra fil-pussess tieghu, kif jidher a fol 201 tal-process.

L-intimati, da parte taghhom, ma jidhirx illi ghandhom xi propretajiet ghajr ghall-art meritu tal-kawza odjerna u huma jghijxu mill-prodott illi huma jtlegghu f'tali ghalqa flimkien ma' xi ghalqa ohra zghira illi juzaw biswit.

Ir-rikorrent, tul il-provi kollha illi huwa ressaq, ma indika ebda uzu illi huwa qatt jista jkollu ta' l-ghalqa u ma ressaq ebda prova li tikkonvinci lill dana il-Bord illi kien verament minnu illi huwa ghandu bzonn l-ghalqa ghall-utilizz tieghu.

Madanakollu, il-Bord jinnota wkoll illi anke jekk kien minnu illi r-rikorrent kellu bzonn l-ghalqa ghalih u ghal fimailja tieghu, hareg car mill-provi illi l-intimati kienu ser isofru pregudizzju ferm akbar mir-rikorrenti f'kaz illi huma jitilfu l-uzu ta' l-art meritu tal-kawza odjerna, peress illi huma jghixu minn fuq il-prodott hemm mizrugh.

Ghalhekk, l-ewwel talba tar-rikorrent ma gietx ippruvata u ghalhekk jisthoqq illi tigi michuda.

**Ikkunsidra**

It-tieni talba tar-rikorrent kienet illi l-intimat George Desira kien issulloka parti mill-art lill huh Toni Desira, u dana minghajr il-permess tas-sidien.

Il-Bord ma jistax ma jistaqsiex taht liema pretest ir-rikorrent qatt seta jressaq tali tip ta' argument, tenut kont tal-fatt illi s-sidien precendenti ta' l-ghalqa, aktar minn tlett snin **qabel** mar-rikorrent nieda l-proceduri odjerni, ossija fid 19 ta' Settembru 2003 (fol 162) kienu ghamlu dikjarazzjoni illi kemm George Desira u Toni Desira kienu qed jaghmlu uzu mir-raba meta dina kienet mikriha lis-sidien precedenti.

Dana il-fatt gie anke ikkonfermat minn Consiglia Farrugia u John Mary Farrugia a fol 36 u 62 tal-process, meta xehdu u kkonfermaw bil-gurament illi kemm George Desira u Toni Desira t-tnejn kienu qed jaghmlu uzu mill-ghalqa illi kienet sussegwentement inbieghet lir-rikorrenti.

Il-Bord ghalhekk jinnota illi mhux talli dana l-bazi ma giex ippruvat, talli r-rikorrent kien ben a korrent ta’ dan fil-mument illi nieda l-proceduri odjerni, izda xorta wahda huwa ressaqha bhala bazi ghar-ripreza.

Ghalhekk, it-tieni talba tar-rikorrent ma gietx ippruvata u ghalhekk jisthoqq illi tigi michuda.

**Ikkunsidra**

It-tielet bazi imqajjma mir-rikorrent seba snin wara illi nieda l-proceduri odjerni kienet illi l-intimati ghamlu sara lill-hajt ta’ l-ghalqa u ghalhekk kellha tinghata lura l-art lir-rikorrent.

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi, a differenza ta’ dak illi stqarr ir-rikorrenti, kienu terzi persuni illi kien jaf bihom ukoll ir-rikorrent, ossija certa Anthony Vassallo, li kien waqqa parti mill-hajt ta’ barra ta’ l-ghalqa, u dana meta kien qieghed idahhal xi ingenji fl-ghalqa tieghu illi kienet iktar il-gewwa.

Jirrizulta wkoll mill-provi illi dana Vassallo reggha tella l-hajt kif kien, izda ddahhal ftit il-gewwa sabiex dana ma jergghax jintlaqat mill-ingenji.

Jirrizulta illi, meta ttella dana il-hajt, l-ghalqa ma ntemmietx, peress illi dana kien il-parti tal-hajt illi jmiss ma’ l-isqaq u l-arti tal-hajt li jmiss ta’ l-ghalqa baqa intatt u ghalhekk l-ghalqa u l-wiesgha taghha ma ntmiss bl-ebda mod.

Ghalhekk, l-argument illi r-rikorrent tilef parti mill-propjeta tieghu ma tergix stante illi l-ghalqa baqghet ezatt kif kienet.

Il-Bord ma jistax ma jinnutax illi dana kien tentattiv disprat da' parte tar-rikorrenti sabiex jipprova jara kif jaghmel biex jiehu l-art illi huwa kien xtara bl-intimati kollha hemm u, wara illi nduna illi ma kellu ebda ragun fiz-zewgt talbiet fuq indikati, ressaq talba ohra bl-isperanza illi forsi jirnexxilu.

Hsara, madanakollu, lill-propjeta' ma saritx u di fatti il-hajt huwa fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ghalhekk it-tielet talba tar-rikorrenti jisthoqq illi tigi michuda ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Bord

Wara illi ra il-provi u dokumentazzjoni kollha mressqa quddiemu,

Wara illi ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-vertenza billi

Jilqa l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati u, ghalhekk

Jichad it-talbiet attrici kollha.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------